# BirdLife Malta u l-MCAST jiffirmaw ftehim biex ikomplu jsaħħu s-sħubija ta' bejniethom

## Impenn komuni biex jgħinu lill-istudenti jiżviluppaw l-għarfien prattiku tagħhom dwar l-ambjent

Illum, BirdLife Malta u [l-Kulleġġ Malti tal-Arti, ix-Xjenza u t-Teknoloġija](#) (MCAST) iffirmaw ftehim (Memorandum of Understanding, MOU) immirat biex isaħħaħ il-kollaborazzjoni ta' bejniethom bil-għan li ż-żewġ organizzazzjonijiet ikunu f'pożizzjoni li jiżviluppaw l-għarfien prattiku tal-istudenti dwar l-ambjent.

L-iffirmar uffiċjali tal-ftehim sar fil-kampus prinċipali tal-MCAST f'Raħal Ġdid. L-MoU kien iffirmat mill-President tal-Bord tal-Gvernaturi tal-MCAST Dr Silvio De Bono f'isem il-Kulleġġ u mill-President ta' BirdLife Malta Darryl Grima f'isem BirdLife Malta. Preżenti wkoll kien hemm il-Prinċipal u Kap Eżekuttiv tal-MCAST Stephen Cachia, il-Viċi-Prinċipal tal-MCAST l-Inġinier Vincent Maione u l-Kap Eżekuttiv ta' BirdLife Malta Mark Sultana flimkiem mal-Education Manager ta' BirdLife Malta Sarah Brady.

Dan il-ftehim juri l-impenn komuni taż-żewġ entitajiet li jipprovdu opportunitajiet edukattivi lill-istudenti biex jirrelataw aktar man-natura, bil-ħsieb li pajjiżna jkompli jrawwem ġenerazzjoni ġdida b'kuxjenza ambjentali.

BirdLife Malta u l-MCAST diġà kkollaboraw flimkien fil-passat u qasmu l-esperjenza u l-għarfien tagħhom biex jipprovdu inizjattivi effettivi għaż-żgħażagħ, inkluż permezz tal-proġett [Lifelong Learning through Nature](#) li ntemm b'suċċess f'Awwissu li għadda. Dan apparti l-*field trips* għall-istudenti li għadhom isiru sal-lum.

Il-President ta' BirdLife Malta Darryl Grima qal: "BirdLife Malta dejjem emmnet li l-edukazzjoni għandha tkun wieħed mill-pilastri tal-ħidma tagħha u ninsab ċert li kulħadd jaqbel li r-rwol tagħna f'dan il-qasam kien strumentali għall-edukazzjoni ambjentali f'pajjiżna. Waqt li jista' jkun li n-nies aktar jassoċjaw lil BirdLife Malta mal-edukazzjoni primarja, bħala NGO żviluppajna inizjattivi fis-sekondarja u aktar

riċenti f'livell postsekondarju, inkluż fl-MCAST fejn qed naħdmu biex nipprovdu aktar żgħażagħ b'opportunitajiet li jitgħallmu dwar l-ambjent ta' pajjiżna. Ninsab kuntent ħafna li qed niffirma dan il-ftehim mal-MCAST u ninsab ċert li l-frott ta' dan l-MoU se jitgawda miż-żewġ organizzazzjonijiet imma anke lil hinn minna t-tnejn."

Dr Silvio De Bono, il-President tal-Bord tal-Gvernaturi tal-MCAST, ikkummenta: "Ninsab kuntent ħafna b'dan il-ftehim ġdid ma' BirdLife Malta għax jikkontribwixxi biex l-istudenti tagħna jieħdu l-edukazzjoni tagħhom b'mod sħiħ – xi ħaġa li l-MCAST jagħtiha ħafna importanza. Is-sħubija tagħna tinkludi wkoll riċerka u apprentistat li qed isiru b'mod konġunt ma' BirdLife Malta u li minnhom qed nibbenefikaw it-tnejn li aħna."

**TMIEM**


**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org


**Nota għall-edituri:**
**Lifelong Learning through Nature (LLN)**
Il-proġett LLN li beda fl-2014 u kien mifrux fuq tliet snin, kien programm ta' edukazzjoni ambjentali u sostenibbli li kellu l-iskop li jressaq tfal u żgħażagħ ta' bejn il-5 snin u l-21 snin eqreb lejn in-natura. Permezz ta' diversi metodi ta' tagħlim, il-proġett iffinanzjat mill-Erasmus+ wassal biex il-parteċipanti jgawdu mill-vantaġġi li ġġib magħha relazzjoni eqreb man-natura għas-saħħa, il-benesseri u l-edukazzjoni tagħhom.

**Ħoloq utli:**

- It-tnedija, f'Novembru 2016, ta' taqsimiet ġodda fil-kurrikulu marbutin mas-sostenibbiltà ambjentali li ġew żviluppati speċifikament għall-MCAST minn BirdLife Malta bħala parti mill-programm LLN

**Niżżel ir-ritratti minn hawn:** https://we.tl/3s7TZn4wPR *(Ritratti ta' Kinga Kupska u Jean Marc Zerafa)*

1. Dr Silvio De Bono (xellug) u Darryl Grima jiffirmaw l-MoU bejn l-MCAST u BirdLife Malta
2. (Mix-xellug għal-lemin) Il-President tal-Bord tal-Gvernaturi tal-MCAST Dr Silvio De Bono u l-President ta' BirdLife Malta Darryl Grima
3. (Mix-xellug għal-lemin) L-Inġinier Vincent Maione, Stephen Cachia, Dr Silvio De Bono, Darryl Grima u Mark Sultana
4. L-iffirmar tal-Memorandum of Understanding
5. Ritratt tal-grupp
6. Waqt l-iffirmar uffiċjali

**Niżżel il-filmati minn hawn:** https://youtu.be/vJn4QoxWVTA *(Filmati ta' Veerle van Werde u Michal Wolowik, muntaġġ ta' Veerle van Verde)*

- L-iffirmar uffiċjali tal-MoU bejn l-MCAST u BirdLife Malta